MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 801/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**ESTIVAN GATT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Estivan Gatt, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 368082 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer fit-23 ta` Ottubru, 2009, ghal habta tan-nofs siegha ta` filghodu (12:30am) fi Triq ta` Giorni, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Deborah Farrugia;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fil-gisem ta’ Bernice Sciberras;

3. Akkuzat wkoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Deborah Farrugia u Bernice Sciberras sabiex jingurjahom jew idejjaqhom jew sabiex jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ Deborah Farrugia;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni GBE-815 tal-ghamla Peugeot ghad-dannu ta’ Francis Claire Farrugia, liema hsara tammonta anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disa’ u sittin centezmu (€1,164.69) pero’ aktar minn mija u sittax il-Euro u seba’ u erbghin centezmu (€116.47);

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ bicciet tad-deheb ghad-dannu ta’ Deborah Farrugia liema hsara tammonta anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disa’ u sittin centezmu ta` Euro (€1,164.69) pero’ aktar minn mija u sittax il-Euro u seba’ u erbghin centezmu (€116.42);

7. Akkuzati aktar flimkien talli volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-

sigurta ta’ Deborah Farrugia u Bernice Sciberras jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

War li rat l-Artikoli 216, 221, 339 (1) (d) (e), 325 (1) (b), 338 (dd) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-Atti u semghet il-provi jirrizulta li kien hemm prova sufficjenti li l-feriti nflitti fuq il-persuna ta’ Deborah Farrugia kienu ta’ natura gravi u li dan kien jirrizulta wkoll mill-fatt li gie pprezentat certifikat mediku li kien jikkonferma dan il-fatt. Il-Qorti wkoll hadet in-kunsiderazzjoni l-fatt li l-istess Deborah Farrugia kienet hafret lill-imputat. In-vista ta’ dawn ir-risultanzi l-Qorti fir-rigward tal-ewwel akkuza issib lill-akkuzat hati ta`din l-akkuza.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, din giet sufficjentement ipprovata mix-xhieda ta’ Dr Amanda Fenech M.D. Dr Glenn Micallef M.D. u tal-istess Bernice Sciberras, u ghaldaqstant din l-akkuza kienet tirrizulta.

Rigwardanti t-tielet akkuza, il-Qorti wara li semghet ix-xhieda ta’ Deborah Farrugia, Bernice Sciberras u t’Alberta

D’Amato, irrizulta li kien hemm versjoni li kienu huma li kienu hargu ghal-imputat, u ghaldaqstant din l-akkuza ma kinitx tirrizulta.

Fir-rigward tar-raba imputazzjoni, din ma kinitx tirrizulta minhabba konflitt ta’ provi.

Rigwardanti l-hames imputazzjoni, il-Qorti ma kienx jirrizultalha kjarament jekk dawn il-hsarat kienux ezistenti qabel sehh l-incident, u wkoll ma kinitx giet ipprezentata stima tad-danni sofferti, ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma kinitx tirrizulta.

Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, il-Qorti ma kienx jirrizultalha kjarament jekk dawn il-hsarat kienux ezistenti qabel l-incident, u wkoll ma kinitx giet ipprezentata stima tad-danni sofferti, ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma kinitx tirrizulta.

Illi rigwardanti s-seba’ akkuza li permezz taghha Deborah Farrugia, Bernice Sciberras, Francis Claire Farrugia u l-imputat Estivan Gatt, flimkien gew akkuzati li volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, din l-imputazzjoni kienet tirrizulta fuq provi mismugha.

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet tikkundanna lill-imputat Estivan Gatt taht il-Kapitolu 446, Artikolu 22 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------